

Brussell, 18 ta' Novembru 2016  
(OR. en)

14463/16

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2015/0278 (COD)**

---

---

**SOC 711  
MI 718  
ANTIDISCRIM 70  
AUDIO 124  
CODEC 1666**

## **RAPPORT**

---

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti / Kunsill
Nru dok. Cion:	14799/15 SOC 700 MI 770 ANTIDSCRIM 15 AUDIO 34 CODEC 1774 + ADD 1 + ADD 2 + ADD 3 - COM(2015) 615 final
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l- approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri fir-rigward tar-rekwiżiti ta' aċċessibilità għall-prodotti u għas-servizzi - Rapport ta' Progress

---

## **INTRODUZZJONI**

Peress li d-diskussjonijiet inizjali tal-proposta dwar l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibilità (EAA) seħhaw matul is-semestru preċedenti<sup>1</sup>, id-diskussjonijiet matul il-Presidenza Slovakkja kienu bbażati fuq l-eżami ta' suġġerimenti ta' abbozzar suċċessivi mill-Presidenza. Il-Grupp ta' Ħidma ddedika sitt ijiem ta' laqgħat għall-fajl matul it-tieni semestru.

Għadd kbir ta' delegazzjonijiet żammew riżervi ġenerali ta' skrutinju dwar il-proposta. Bl-istess mod, diversi delegazzjonijiet indikaw li huma għadhom qed jeżaminaw is-suġġerimenti mill-Presidenza Slovakkja dwar l-abbozzar. Id-delegazzjoni Daniża, Maltija u dik tar-Renju Unit daħħlu riżervi ta' skrutinju parlamentari.

---

<sup>1</sup> L-ewwel rapport ta' progress ġie ppreżentat lill-EPSCO f'Ġunju 2016, 9627/16.

## L-APPROĊ TAL-PRESIDENZA SLOVAKKA

L-enfasi kienet primarjament fuq kwistjonijiet li kienu essenzjali biex jitmexxew 'il quddiem id-diskussjonijiet, fosthom li jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni (l-Artikoli -1 (ġdid) u 1) u d-definizzjonijiet (l-Artikolu 2). B'mod partikolari, il-Presidenza fittxet li ttejjeb iċ-ċarezza legali fit-test u li tevita kwalunkwe duplikazzjoni jew kunflitt ma' leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni. B'kont meħud ukoll li għadd kbir ta' delegazzjonijiet żammew ir-riżervi ġenerali ta' skrutinju tagħhom dwar il-proposta, il-Presidenza adottat approċċ gradwali għall-modifika t-test. Ġew diskussi l-artikoli kollha u l-premessi korrispondenti, u diversi minnhom ġew abbozzati mill-ġdid.

Il-bidliet orizzontali ewlenin għat-test issuġġeriti mill-Presidenza huma kif ġej:

**L-użu tad-definizzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU.** Il-proposta hija parti mill-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità. Id-definizzjoni użata fil-proposta għalhekk ġiet allinjata mad-definizzjoni ta' "persuni b'diżabilità" li tinsab fil-Konvenzjoni tan-NU. Madankollu, it-test tal-Presidenza jenfasizza wkoll li aċċessibilità ikbar għal prodotti u servizzi tista' tkun ta' benefiċċju mhux biss għall-persuni b'diżabilità, iżda għal kull persuna b'indeboliment, sew jekk permanenti jew temporanju.

**Konċentrazzjoni fuq l-oġettiv tas-suq intern tal-proposta.** L-artikolu l-ġdid dwar "Is-suġġett" (l-Artikolu -1) jistipula l-għan tal-abbozz ta' Direttiva, filwaqt li jiċċara b'mod partikolari l-fatt li l-EAA huwa maħsub biex jelimina u jipprevjeni l-ostakli għas-suq intern li jirriżultaw minn rekwiżiti ta' aċċessibilità potenzjalment diverġenti stabbiliti minn Stati Membri differenti. Filwaqt li l-kamp ta' applikazzjoni propost marbut ma' Atti oħra tal-Unjoni (l-Artikolu 1(3)) huwa dak ta' dawk l-atti legali u jmur lil hinn mil-lista ta' prodotti (l-Artikolu 1(1)) u servizzi (l-Artikolu 1(2)) speċifiċi elenkati fl-EAA, il-Presidenza, wara talbiet minn għadd kbir ta' delegazzjonijiet, issuġġeriet li l-EAA għandu jkun strettament limitat għal prodotti u servizzi speċifiċi li diġà kienu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EAA. B'hekk l-Artikolu 1(3), kif issuġġerit mill-Presidenza, ikun limitat għal atti tal-Unjoni li jinkludu dispożizzjonijiet mandatorji dwar l-aċċessibilità. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti ta' aċċessibilità għandhom japplikaw biss fir-rigward ta' dawn l-atti tal-Unjoni b'rabta ma' prodotti u servizzi koperti bl-Artikolu 1(1) u 1(2) tal-EAA.

**Kjarifika tar-rekwiżiti volontarji ta' aċċessibbiltà fir-rigward tal-ambjent mibni.** L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li għal ċerti servizzi inklużi fl-EAA (trasport tal-passiġġieri, operazzjonijiet bankarji għall-konsumatur, telefonija/komunikazzjoni elettronika), ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stipulati mill-EAA għandhom japplikaw ukoll għall-ambjent mibni użat mill-klijenti ta' dawn is-servizzi. Il-Presidenza poġġiet din id-dispożizzjoni ta' "inkoraġġiment" f'Artikolu 3a separat, sabiex tiġi ċċarata n-natura volontarja tagħha. Madankollu, jekk is-servizzi ta' hawn fuq jingħataw abbażi tal-atti l-oħra tal-Unjoni, l-Istati Membri ser ikollhom japplikaw kull rekwiżit obbligatorju ta' aċċessibbiltà fir-rigward tal-ambjent mibni inkluż f'dawk l-atti tal-Unjoni.

**Tnaqqas tal-piż finanzjarju u amministrattiv** fuq l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet rilevanti, inkluż l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-Kummissjoni. Bosta delegazzjonijiet ħassew li d-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-proposta tal-Kummissjoni joħolqu piż amministrattiv u finanzjarju sostanzjali. Il-Presidenza ssuġġeriet diversi modi kif jitnaqqas il-piż fuq l-operaturi ekonomiċi, l-awtoritajiet rilevanti, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-Kummissjoni. B'mod partikolari, ipproponiet li jiġi limitat il-qafas ta' żmien għall-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-EAA.

Il-Presidenza xtaqet tiżgura li l-fornituri tas-servizzi jew l-awtoritajiet rilevanti kellhom biżżejjed żmien biex jadattaw għar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà inklużi fl-EAA, inkluż id-dispożizzjonijiet dwar il-preservazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn kuntratti fit-tul konklużi qabel id-data tad-dħul fis-seħħ proposta tal-EAA (ara l-Artikolu 27a (ġdid)). Pereżempju, fornitur ta' servizz ikun jista' jkompli jopera t-terminals b'awtoservizz sakemm jaslu fi tmiem il-ħajja ekonomikament utli tagħhom jew sakemm jiġu kompletament deprezzati (ara l-Artikolu 27a (ġdid)).

Ġie ċċarat ukoll fit-test li l-EAA ma jkollu l-ebda effett retroattiv; fi kliem ieħor, dan għandu japplika biss għal prodotti li jitqiegħdu fis-suq jew servizzi mogħtija wara d-data tal-applikazzjoni. L-istess limitazzjoni ta' żmien tapplika fir-rigward ta' sejħiet għal kompetizzjonijiet, programmi u infrastruttura tat-trasport li ser jiġu akkwistati, adottati/implimentati jew mibnija wara d-data ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Barra minn hekk, il-Presidenza ssuġġeriet ukoll li jitnaqqsu l-obbligi marbuta mat-tnejn u s-sottomissjoni ta' notifiċi li jirrigwardaw l-applikazzjoni ta' klawżoli ta' salvagwardja u ssuġġeriet li jitneħħa l-obbligu li jinżamm regjistru tal-ilmenti kollha li jallegaw in-nonkonformità ta' prodotti mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà.

**L-adattament tal-Qafas Leġislattiv il-Ġdid (QLĠ) u l-miżuri tas-sorveljanza tas-suq** skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 fir-rigward tar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà inklużi fl-EAA. Il-proposta tal-Kummissjoni ssegwi l-approċċ tal-QLĠ għall-armonizzazzjoni tal-prodotti; il-format regolari tal-QLĠ jinkludi wkoll dispożizzjonijiet dwar "riskji serji" għas-saħħa, is-sikurezza, l-ambjent jew kwalunkwe interess pubbliku ieħor. Madankollu, it-test tal-Presidenza jiċċara (l-Artikolu 17(-1)) l-fatt li n-nonkonformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà tal-EAA ma għandhiex tikkostitwixxi riskju serju skont it-tifsira ta' direttivi oħra tal-QLĠ dwar il-prodotti u r-Regolament (KE) 765/2008. Barra minn hekk, il-Presidenza speċifikat li l-miżuri l-aktar ħorox li jistgħu jiġu imposti mill-awtoritajiet tas-suq intern, bħas-sejħa lura jew l-irtirar ta' prodott mis-suq, għandhom jiġu applikati biss bħala soluzzjoni *tal-aħħar għażla*.

**Ir-riorganizzazzjoni tal-Anness I.** Filwaqt li l-Presidenza ma ssuġġerietx modifiki sostanzjali għall-kontenut tal-Anness I dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibilità għall-prodotti u s-servizzi, ipprovdiet abbozz konsiderevolment issimplifikat ta' dan l-Anness. Is-simplifikazzjoni ġiet milqugħa b'mod ġenerali mid-delegazzjonijiet.

## **SUĖĠERIMENTI għall-ABBOZZAR dwar DIVERSI PRODOTTI, SERVIZZI u ATTI TAL-UNJONI**

Fir-rigward ta' setturi, prodotti, servizzi speċifiċi u elementi oħrajn tal-abbozz ta' Direttiva, il-Presidenza għamlet is-suġġerimenti speċifiċi li ġejjin:

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-**prodotti koperti bl-EAA** (Artikolu 1(1)) ġie iċċarat. B'mod ġenerali, din il-parti tat-test ma tqisix li hi kontroversjali. Madankollu, l-espressjoni "*kapaċitajiet avvanzati tal-informatika*" ġiet diskussa f'diversi okkażjonijiet. Pereżempju, id-delegazzjonijiet innotaw li dak li jitqies bħala "*avvanzat*" jiddependi fuq l-iżvilupp teknoloġiku. Fid-dawl ta' dawn id-diskussjonijiet, il-Presidenza ssuġġeriet definizzjoni ta' "*kapaċitajiet avvanzati tal-informatika*" maħsuba biex tgħin lill-operaturi ekonomiċi u lill-utenti ta' tagħmir aċċessibbli biex ikunu jafu meta jkun raġonevoli li wieħed jistenna li fl-apparat ikunu meħtieġa funzjonijiet ta' aċċessibbiltà.

Saru modifiki estensivi għad-dispożizzjonijiet dwar **is-servizzi koperti bl-EAA** (l-Artikolu 1(2)). Il-biċċa l-kbira mis-servizzi inklużi fil-proposta dwar l-EAA huma diġà regolati fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari is-servizzi tat-trasport, is-servizzi awdjoviżivi u s-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika. Madankollu, dawn ir-regolamenti fihom biss dispożizzjonijiet limitati dwar l-aċċessibbiltà. Is-suġġerimenti għall-abbozzar għandhom l-għan li jiċċaraw liema aspetti tas-servizzi koperti jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni (l-Artikolu 1) u kif dawn għandhom jiġu definiti (l-Artikolu 2). B'mod partikolari, it-test ġie emendat sabiex jiġi ċċarat li **ċerti aspetti biss tas-servizzi tat-trasport** huma koperti bid-Direttiva dwar l-EAA (l-Artikolu 1(2)(c)). It-test issa jinkludi **r-rabtiet bejn servizz u "t-tagħmir relatat użat fil-provvista tas-servizz"** (ara, pereżempju, l-Artikolu 1(2)(a), (b), (c)(ii) u (e)). Saret kjarifika għall-Artikolu 1(2)(b), peress li t-test attwali jirreferi biss għal "*servizzi li jipprovdu aċċess għal servizzi tal-media awdjoviżiva*" u mhux għal servizzi awdjoviżivi fihom innifishom (definizzjoni fl-Artikolu 2 (6a)).

Żdiedu għadd ta' **definizzjonijiet ġodda** fl-Artikolu 2 ("*servizz*", "*fornitur ta' servizz*", "*operazzjonijiet bankarji għall-konsumatur*", servizzi ta' trasport differenti, "*hardware tal-kompjuter*", "*sistema operattiva*", eċċ.).

Il-Presidenza fittxet ukoll li **telimina l-kunflitti possibbli bejn id-Direttiva dwar l-EAA u l-leġislazzjoni settorjali tal-Unjoni** li diġà tipprevedi l-assistenza ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa u xi rekwiżiti ta' aċċessibbiltà oħrajn fis-settur tat-trasport billi żiedet dispożizzjonijiet fl-Artikoli 1 u 3 (ara b'mod partikolari l-Artikolu 3 paragrafi 11 sa 15).

Referenzi għall-obbligi ta' aċċessibbiltà għal **siti web** ġew aġġornati wara l-adozzjoni tad-Direttiva dwar l-Aċċessibbiltà għall-Web.<sup>2</sup>

Id-delegazzjonijiet iddiskutew aspetti differenti tal-**kotba elettroniċi**, inkluż il-kwistjoni dwar jekk ktieb elettroniku huwiex servizz jew prodott. Wara dawn id-diskussjonijiet, tqies xieraq li tiġi inkluża definizzjoni ta' "ktieb elettroniku" fit-test.

Diversi delegazzjonijiet qajmu tħassib dwar l-ispejjeż potenzjalment għolja tar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-fornituri tas-servizzi tal-**kummerċ elettroniku**, b'mod partikolari għall-SMEs u l-mikrointrapriżi.

---

<sup>2</sup> Din id-Direttiva tistipula rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għas-siti web pubbliċi. Ser tiġi ppubblikata dalwaqt fil-Ġurnal Uffiċjali.

L-Artikolu 1(3) dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-Kapitolu VI (l-Artikoli 21-23) dwar **ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà f'leġislazzjoni oħra tal-Unjoni** ġew diskussi fit-tul. Għadd ta' atti reċenti tal-Unjoni (dwar l-akkwist pubbliku, dwar il-Fondi tal-UE għall-perijodu ta' finanzjament 2014-2020, dwar offerti għal servizzi pubbliċi tat-trasport u dwar l-infrastruttura tat-trasport) jirreferu għal "aċċessibbiltà" (kemm jekk b'rekwiżiti obligatorji jew inkella volontarji), iżda b'mod ġenerali biss. Il-proposta tal-Kummissjoni tinkludi referenzi għal għadd ta' atti tal-Unjoni bħal dawn. Xi delegazzjonijiet issuġġerew it-tneħħija tad-dispożizzjonijiet kollha jew uħud minnhom li jirreferu għall-atti l-oħra tal-Unjoni, filwaqt li oħrajn qiesu li l-atti l-oħra tal-Unjoni għandhom ikunu regolati biss fir-rigward tal-prodotti u s-servizzi koperti b'mod ieħor mid-Direttiva tal-EAA. Il-Presidenza daħħlet paragrafu (l-Artikolu 1(3-a)) li jstipula li prodotti u servizzi aċċessibbli li jaqgħu taħt atti oħra tal-Unjoni jkunu koperti biss sa fejn dawn jaqgħu wkoll taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-EAA kif speċifikat fl-Artikolu 1(1) u (2). Barra minn hekk, is-suġġerimenti dwar l-abbozzar jillimitaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-EAA għal-leġislazzjoni tal-Unjoni li jkollha dispożizzjonijiet *mandatorji* ta' aċċessibbiltà.

## **KONKLUŻJONI**

Is-suġġerimenti tal-Presidenza<sup>3</sup> kienu apprezzati mid-delegazzjonijiet, peress li ffukaw fuq it-tħassib ewlieni tad-delegazzjonijiet, inkluż it-titjib taċ-ċertezza legali, it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u finanzjarji u li jiġi żgurat li ma jkunx hemm duplikazzjoni bejn l-EAA u atti oħrajn tal-Unjoni.

Filwaqt li d-diskussjonijiet matul il-Presidenza Slovakka ikkonċentraw fuq il-partijiet essenzjali tat-test (kamp ta' applikazzjoni, definizzjonijiet, miżuri transizzjonali), aspetti oħra ser jeħtieġu aktar attenzjoni u diskussjoni. B'mod partikolari, il-Kapitolu IV dwar standards u speċifikazzjonijiet tekniċi għadu ma ġiex eżaminat fid-dettall. Fl-aħħar fażi tad-diskussjonijiet, għadd ta' delegazzjonijiet ippreżentaw suġġerimenti ta' abbozzar iddettaljati li ser jittieħed kont tagħhom fil-ħidma li jmiss.

Peress li l-pożizzjonijiet ta' għadd ta' Stati Membri għadhom mhux magħrufa (għad iridu jlestu l-iskrutinju tal-proposta min-naħa tagħhom), il-Presidenza Slovakka u l-Presidenza Maltija li jmiss biħsiebhom iħejju kwestjonarju konġunt sabiex ikun hemm gwida dwar id-direzzjoni futura tan-negożjati.

Matul is-semestru li jmiss, il-korpi preparatorji tal-Kunsill ser ikomplu jaħdmu lejn pożizzjoni tal-Kunsill, bil-ħsieb li jinbdew in-negożjati mal-Parlament Ewropew, li huwa mistenni jifformula l-pożizzjoni tiegħu matul l-ewwel semestru tal-2017.

---

<sup>3</sup> L-aħħar sett ta' suġġerimenti ta' abbozzar mill-Presidenza jinsab fid-dokument 14095/16.